# Santwarji Marjani f'Pajjiżna

**Chev. Mario Coleiro OSJ**



Meta wieħed jaqra t-titlu ta' dan l-artiklu mill-ewwel jiġu f'moħħu Santwarji bħal dak tal-Vitorja fl-Isla, Mellieħa, Naxxar u Xagħra, tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, tal-Kunċizzjoni f'Bormla, Tal-Karmnu fil-Belt Valletta u Ta' Pinu fl-Għarb f'Għawdex u oħrajn li huma magħrufin sewwa u jgawdu devozzjoni kbira. Dawn huma popolari ħafna u kollha għandhom knejjes kbar li jixhdu l-popolarità tagħhom bħala Santwarji prinċipali f'pajjiżna. Iżda pajjiżna huwa mżejjen b'santawrji Marjani oħrajn li għalkemm mhux kbar daqshekk imma xorta jgawdu devozzjoni kbira u antika. Jien ser nitkellem fuq uħud minn dawn is-santwarji li kollha għandhom storja sabiħa marbuta magħhom. Ser nibda mis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba ġewwa Birkirkara.

Skont l-Isqof Molina din il-knisja hija waħda mill-eqdem knejjes iddedikati lill-Madonna f'pajjiżna. Jingħad li din inbniet wara li wieħed raġel li kien magħtub meta wasal f'dan il-post b'miraklu fieq u b'ringrazzjament lill-Madonna bena l-ewwel knisja. Din il-knisja reġgħet inbniet mill-ġdid fis-sena 1640 mill-flus li kienu jħallsu d-devoti u l-pellegrini. Il-knisja dejjem baqgħet tgawdi devozzjoni kbira u baqgħet tattira lejha numru kbir ta' devoti. Il-kavallieri ma baqgħux lura u hawnhekk naraw numru kbir ta' rigali li ngħataw lil dan is-santwarju minn diversi kavallieri u saħansitra Gran Mastri fosthom La Valette, Wignacourt u De Redin. Fis-sena 1923, il-knisja tkabbret u ngħatat is-sura li għandha llum forma ta' salib. F'Awwissu tal-1960, bil-permess tal-Vatikan, l-Isqof Pietru Pace inkuruna solennament ix-xbieha tal-Madonna tal-Ħerba li tinstab fuq l-artal maġġur.



## Il-Madonna tas-Samra fil-Ħamrun

Il-Ħamrun huwa lokalità li żviluppa dawn l-aħħar 150 sena. L-eqdem parti tal-Ħamrun hija bla dubju ta' xejn il-parti viċin ta' din il-knisja ddedikata lill-Madonna tas-Samra. L-istorja ta' kif bdiet id-devozzjoni lejn din il-Madonna teħodna fil-Birgu waqt l-Assedju l-Kbir. Jidher li wieħed negozjant li kien jismu Toni Spinaci



u li kien joqgħod fil-Birgu, ġarrab qatgħa kbira meta waqt l-attakki tat-Torok fuq il-Birgu, id-dar tiegħu ntlaqtgħet u ġġarrfet kompletament. Fid-dar kellu lil bintu tarbija Eliżabetta li ntradmet taħt it-tifrik tad-dar. Kulħadd ħaseb li t-tarbija mietet imma b'għaġeb ta' kulħadd it-tarbija nstabet ħajja meta tneħħa t-terrapien. Għadda ż-żmien u meta kibret Eliżabetta żżewġet lil ċertu Ġużeppi Casauri li kien negozjant sinjur u li kellu ħafna kuntatti fi Spanja. Dan Ġużeppi kien ġab miegħu xbieha devota tal-Madonna ta' Atoċja li fi Spanja kienet tgawdi devozzjoni kbira. Meta ġie Malta flimkien ma' martu Eliżabetta bdew ixerrdu d-devozzjoni lejn din ix-xbieha tal-Madonna. In-nies ma damux ma nġibdu lejn din il-Madonna li laqmuha bħala Tas-Samra għaliex ix-xbieha turi Madonna sewda. Ġużeppi u martu ħasbu biex minflok il-knisja mġarrfa ta' San Nikola li kienet wieqfa f'dan il-post u li nqerdet waqt l-Assedju l-Kbir jibnu knisja ġdida u jiddedikawha lil din il-Madonna.

### Santa Marija tal-Ħlas f'Ħal Qormi

Din il-knisja minn dejjem tgawdi devozzjoni kbira u kienet tintuża ħafna biex jieqfu jistrieħu fiha dawk li kienu jkunu qegħdin jivvjaġġaw bejn l-Imdina u l-Birgu. Il-knisja oriġinali hija s-sagristija tal-lum li nbniet għal ħabta tas-sena 1500, jiġifieri qabel ġew il-Kavallieri f'Malta. Fis-sena 1634, il-knisja tkabbret u nbniet ukoll kamra fejn seta' joqgħod ir-rettur tagħha. Fit-terremot tal-1693, din il-knisja ġarrbet ħsarat kbar u għalhekk kellha terġa' tinbena mill-ġdid. Jingħad li din inbniet fuq pjanta tal-arkitett Lorenzo Gafà. Dan bnieha mingħajr ħlas bħala ringrazzjament lill-Madonna wara li fit-terremot li ġa semmejna l-koppla tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ta'



Ħal Qormi, li kien għadu kemm bena, ma ġarrbet l-ebda ħsara. Għalhekk bħala ringrazzjament bena din il-knisja sabiħa. Din minn dejjem kienet tgawdi devozzjoni kbira speċjalment minn nisa tqal li kienu jiġu jinvistaw lill-Madonna biex it-tqala tagħhom tintemm b'wiċċ il-ġid. Għalhekk din il-knisja hija magħrufa bħala l-Madonna tal-Ħlas. F'din il-knisja nsibu ħafna kwadri tal-*Ex-voto* li jixhdu d-devozzjoni li kienet tgawdi. Insibu wkoll li kienu bosta d-dinjitarji li żaruha minn żmien għal żmien fosthom Isqfijiet u Gran Mastri.

### Il-Madonna tal-Mensija f'San Ġwann

Dan is-santwarju jinstab ġo għar taħt il-livell tat-triq li mir-raħal tal-Msieraħ tieħdok għall-inħawi ta' San Ġiljan. Jingħad li dan l-għar kien mibdul fi knisja fi żmien il-Medjuwevu u li ġo niċċa maqtugħa fil-blat konna



nsibu l-pittura li turi lill-Madonna flimkien ma' San Anard u l-Arkanġlu Gabriel. Għal xi żmien din il-knisja ġo dan l-għar kienet intesiet u abbandunata, b'hekk ħadet l-isem bħala tal-Mensija. Fi żmien l-Isqof Cocco Palmeri nbnew żewġ kmamar biex jintużaw bħala sagristija u minn dak iż-żmien id-devozzjoni kibret sewwa. Fis-sena 1877, qassis minn Birkirkara, Dun Ġorġ Debono, beda jieħu ħsieb din il-knisja u kien iqaddes kuljum. Hu kien joqgħod ġo dar biswit il-knisja u miegħu kellu jgħix lin-neputi Mikiel. Meta Mikiel kiber, sar qassis u ħaseb biex jibni l-knisja li naraw illum. Hu ħalla l-għar kif kien oriġinali u bena l-knisja quddiemu. Mat-triq bena faċċata sabiħa ta' knisja li meta tidħol mill-bieb tagħha ssib taraġ li jinżel dritt għal ġol-għar u l-knisja li kienet għadha kemm inbniet. Bħal kull santwarju ieħor din il-knisja wkoll għandha diversi kwadri tal-*Ex-voto* u kellha wkoll diversi dinjitarji li żaruha maż-żminijiet.

### Il-Madonna tal-Mirakli f'Ħal Lija

Fil-qedem flok din il-knisja kienet wieqfa knisja ħafna iktar antika li kienet iddedikata lil Marija Assunta u kienet il-knisja ewlenija tar-raħal medjevali ta' Ħal Bordi. Fil-1575, dan ir-raħal sar parti mir-raħal ta' Ħ'Attard meta dan sar Parroċċa. Meta fil-1609, Ħal Lija sar Parroċċa indipendenti, ir-raħal ta' Ħal Bordi sar parti mit-territroju ta' Ħal Lija. Il-knisja li naraw illum tal-Madonna tal-Mirakli nbniet fl-1664 mill-Gran Mastru Nikola Kottoner li kellu devozzjoni kbira lejn din ix-xbieha tal-Madonna li tinstab fuq artal fil-ġenb tal-knisja. Jingħad li din ix-xbieha mirakoluża tal-Madonna hija l-unika ħaġa li fadal mill-knisja l-qadima. L-istorja tkompli tgħid li waqt it-terremot qawwi li kien laqgħat lil Malta nhar



il-21 ta' Frar 1743, din ix-xbieha tal-Madonna kienet bkiet id-dmugħ ta' veru. Dan il-fatt kien ġibed lejn din ix-xbieha devozzjoni kbira. Gran Mastru ieħor li rabat ismu ma' din il-knisja kien il-Gran Mastru De Vilhena li saħansitra rregala lampier tal-fidda lill-Madonna. Il-knisja dejjem baqgħet tissebbaħ u tiżżejjen minn diversi rigali li ngħatawlha bħala turija tad-devozzjoni li din kienet u għadha tgawdi minn ħafna devoti tax-xbieha tal-Madonna tal-Mirakli.

### Il-Madonna tal-Karmnu fil-Fawwara, is-Siġġiewi

Din il-knisja tinstab f'wieħed mill-iktar postijiet pittoreski tal-gżejjer tagħna. Fil-fatt mhux lewwel darba li naraw pittura li fiha tidher din il-knisja u l-irdumijiet tal-Fawwara. Taħt din il-knisja nsibu nixxiegħa tal-ilma naturali li tibqa' tnixxi l-ilma s-sena kollha għalhekk dawn l-inħawi huma fertili ħafna. L-istorja marbuta ma' din il-knisja devota tal-Madonna tal-Karmnu teħodna lura għas-seklu 15, meta f'Malta kien hawn nixfa kbira u jingħad li waħda mara ħolmot li fl-inħawi tal-fawwara l-Madonna kienet urietha post fejn ser toħroġ nixxiegħa tal-ilma propju fil-post fejn illum insibu din il-knisja. Din il-mara kien jisimha Ġerolama Ciantar u kellha dawn l-artijiet kollha tagħha u għalhekk tathom lill-Konfraternità tal-Madonna tal-Karità fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta biex hawnhekk jibnu knisja ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Dan kien fis-sena 1616 u għalhekk inbniet kappella. Fis-sena 1669, il-knisja reġgħet inbniet mill-ġdid fuq għamla aħjar mill-Venerabbli Konfraternità. Fl-1756, il-knisja kienet restawrata u ngħatat id-dehra li għandna llum. Taħt iz-zuntier tal-knisja għadna naraw arkata kbira fuq ġibjun li fih naraw in-nixxiegħa tal-ilma ġieri. Minkejja li din il-knisja tinstab f'post ftit imwarrab, xorta kienet tattira lejha numru ta' pellegrini u devoti għalhekk minn dejjem kienet miżmuma tajjeb ħafna. Il-konfraternità dejjem ħadet ħsieb li żżomm din il-knisja devota fl-aħjar mod possibbli.

Din il-ftit informazzjoni fuq dawn il-knejjes tkompli turi d-devozzjoni qawwija li nsibu f'pajjiżna lejn Ommna Marija Santissima, Omm il-Feddej tagħna Ġesù Kristu.







*Il-Kumitat 2017 / 2018*
***Għaqda Dilettanti***
***Sajjieda u Barklori***
*Isla N.G.O. VO/0274*
*jawguraw il-Festa t-Tajba*
*lill-Membri*
*u lis-Sengleani kollha*

"Kenn il-Volontarjat"
Store 1, Triq it-Tarzna,
Senglea ISL 1241